MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 648/1991/1

**Joseph Vella bħala l-uniku direttur għan-nom u in rappreżentanza ta’ *ta’ Natu Limited***

**v.**

**Caruana Louis**

**Il-Qorti:**

**I IS-SENTENZA APPELLATA**

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenut minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’

Novembru 2005 fil-kawza fl-ismijiet premessi. Is-sentenza appellat hija din:
"Din hija kawża dwar appalt. Is-soċjetà attriċi tgħid illi x-xogħol sar ħażin, u għalhekk qiegħda tfittex għad-danni u għat-tħassir tal-privileġġ ta' l-appaltatur imniżżel mill-konvenut; il-konvenut b'rikonvenzjoni qiegħed ifittex għall-ħlas tal-bilanċ li fadallu jieħu mill-prezz tax-xogħol.

"Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà attriċi qabbdet lill-konvenut b'appalt biex jagħmel xogħol ta' kisi, żebgħa u tibjid fuq korp ta' appartamenti fi Triq il-Ġifen, Buġibba. Il-konvenut lesta x-xogħol qabel is-26 t'April 1990, u dakinhar il-perit imqabbad mill-attur mar ikejjel ix-xogħol biex joħroġ il-kont. Ftit ġimgħat wara li nħareġ il-kont, bdew joħorġu difetti kbar fix-xogħol għax iż-żebgħa bdiet tinqasam u titqaxxar fi rqajja' kbar minn mal-ħitan. L-attriċi bdiet tfittex biex tara għala ħareġ id-difett u sabet illi r-raġuni kienet għax il-konvenut applika ħażin iż-żebgħa. Għalhekk l-attriċi ma riditx tħallas qabel ma l-konvenut jagħmel tajjeb għad-difett u għall-ħsara li l-attriċi ġarrbet minħabba f'hekk.

"Fit-2 ta' Lulju 1991 il-konvenut niżżel privileġġ (numru 11817/1990) fuq l-appartamenti bis-saħħa ta' l-art. 2010(*b*) tal-Kodiċi Ċivili. Dan il-privileġġ, iżda, ma tniżżilx fir-Reġistru Pubbliku fiż-żmien li tagħti l-liġi.

"Il-konvenut mhux biss ma resaqx għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kbar li ġarrbet l-attriċi bi ħtija tiegħu, iżda fittex li jesegwixxi l-privileġġ. L-attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

"1. tgħid illi l-privileġġ numru 11817 ta' l-1990 imniżżel mill-konvenut ma tniżżilx fiż-żmien li tagħti l-liġi u għalhekk ma jiswiex;

"2. għalhekk tordna illi l-privileġġ jitħassar mir-Reġistru Pubbliku;

"3. tgħid illi l-konvenut għandu jwieġeb għad-danni kollha li ġarrbet l-attriċi minħabba d-difetti li ħarġu fiż-żebgħa;

“4. tillikwida d-danni; u

“5. tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma’ l-imgħaxijiet kummerċjali u l-ispejjeż.

“Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

“1. ma hux minnu illi x-xogħol ma sarx kif iridu l-arti u s-sengħa;

“2. l-attriċi ġà ħallset sitt elef lira (Lm6,000) akkont, u qatt ma qalet illi x-xogħol kien ħażin;

“3. il-privileġġ tniżżel fiż-żmien li tagħti l-liġi; u

“4. il-konvenut beda l-proċeduri billi niżżel privileġġ speċjali sabiex jitħallas il-bilanċ li fadallu jieħu.

“Il-konvenut inqeda wkoll bil-proċeduri mibdija mill-attriċi biex ressaq kontro-talba. Fisser illi għax-xogħol li għamel ta’ kisi, żebgħa u tibjid, li sar kif iridu l-arti u s-sengħa, hu kellu jieħu disat elef, mitejn u disa’ liri u tmienja u tletin ċenteżmu (Lm9,209.38). L-attriċi ħallset biss sitt elef lira (Lm6,000) u għalxejn kienet imsejħa biex tħallas il-bqija. Il-konvenut għalhekk b’rikonvenzjoni qiegħed jitlob illi l-qorti tikkundanna lill-attriċi tħallas tlitt elef, mitejn u disa’ liri u tmienja u tletin ċenteżmu (Lm3,209.38), flimkien ma’ l-ispejjeż u l-imgħax.

“Għall-kontro-talba, is-soċjetà attriċi ressqet l-eċċezzjoni illi x-xogħol li għamel il-konvenut kellu difetti kbar li ħarġu ftit ta’ żmien wara li tlesta x-xogħol u li lill-attriċi għamlulha danni kbar.

“Il-perit tekniku maħtur mill-qorti sabiex jirrelata dwar ix-xogħol magħmul mill-konvenut sab illi tassew illi x-xogħol ma sarx kif iridu l-arti u s-sengħa. Il-perit fil-fatt sab illi, fejn il-konvenut kesa l-ġebla biż-żebgħa wara li sar it-tikħil tal-fili, ma ħax ħsieb illi jneħħi mill-uċuħ tal-ħitan l-għabra li tinġema’ meta jiġu xkatlati l-fili mkaħħlin. Għalhekk iż-

żebgħa, minħabba l-għabra, ma qabditx sew ma' l-uċuħ tal-ħitan, u bdiet tinqala', tintefaħ u titqaxxar[1].

"Biex titneħħa l-ħsara, iż-żebgħa li saret mill-konvenut kellha tinbarax u l-ħitan jinżebgħu mill-ġdid, wara illi titneħħa kull għabra minn mal-ħitan. Biex isir dan ix-xogħol, il-perit sab illi hija meħtieġa nefqa ta' tlitt elef, erba' mija u wieħed u sebgħin lira u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm3,471.22)[2].

"Billi din in-nefqa żejda saret meħtieġa bi ħtija tal-konvenut, għax ix-xogħol ma għamlux kif irdu l-arti u s-sengħa, għandu jbatiha l-konvenut. Għalhekk isseħħ tpaċija bejn dak li fadallu jieħu l-konvenut u d-danni li għandu jagħmel tajjeb għalihom.

"Ma huwiex kontestat illi l-konvenut kellu jieħu disat elef, mitejn u disa' liri u tmienja u tletin ċenteżmu (Lm9,209.38), li minnhom l-attriċi ħallset sitt elef lira (Lm6,000) u għalhekk fadal tlitt elef, mitejn u disa' liri u tmienja u tletin ċenteżmu (Lm3,209.38). Meta ssir tpaċija mat-tlitt elef, erba' mija u wieħed u sebgħin lira u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm3,471.22) li għandu jħallas il-konvenut bħala danni, jifdal illi l-konvenut iħallas id-differenza ta' mitejn u wieħed u sittin lira u erbgħa u tmenin ċenteżmu (Lm261.84).

"Billi d-dejn favur il-konvenut tħallas kollu bi tpaċija, issir akkademika l-kwistjoni jekk il-privileġġ tniżżilx fiż-żmien li tagħt il-liġi jew le. F'kull każ, il-privileġġ għandu jitħassar għax id-dejn imħares bih tħallas kollu.

"Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża, u tiddisponi kemm mit-talbiet ta' l-attriċi u kemm mill-kontro-talba tal-konvenut, billi tgħid illi x-xogħol magħmul mill-konvenut ma sarx kif iridu l-arti u s-sengħa u għalhekk il-konvenut għandu jagħmel tajjeb għad-danni li ġarrbet l-attriċi minħabba fin-nuqqas tiegħu, u li huma likwidati fis-somma ta' tlitt elef, erba' mija u wieħed u sebgħin lira u tnejn u

[1] Para. 12 tar-relazzjoni tal-perit tekniku, *fol*. 242.
[2] Ara para 5 tar-relazzjoni addizzjonali tal-perit, *fol*.. 257, u para. C tan-nota ta' l-attrici, *fol*.. 248.

għoxrin ċenteżmu (Lm3,471.22); wara li ssir tpaċija mal-bilanċ ta' tlitt elef, mitejn u disa' liri u tmienja u tletin ċenteżmu (Lm3,209.38) li kien fadallu jieħu l-konvenut, jifdal illi l-konvenut jagħti lill-attriċi mitejn u wieħed u sittin lira u erbgħa u tmenin ċenteżmu (Lm261.84); għalhekk, wara li tgħid illi d-dejn favur il-konvenut huwa mħallas għal kollox, u għalhekk tordna illi jitħassar il-privileġġ relativ numru 11817 ta' l-1990, tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi mitejn u wieħed u sittin lira u erbgħa u tmenin ċenteżmu (Lm261.84), flimkien ma' l-ispejjeż kollha tal-kawża u l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni."

**II L-APPELL**

2. Il-konvenut appella minn din is-sentenza quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors prezentat fil-5 ta' Dicembru, 2005. Bazikament, l-aggravji ta' l-appellant jikkonsistu principalment f'dan li gej: (a) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u tal-ligi u li ma apprezzatx in-nota ta' sottomissjonijiet tieghu; (b) li s-socjeta` attrici ma rnexxilihiex tipprova li x-xoghol sar hazin; u (c) li in pessima ipotesi, u li kieku l-Qorti kellha taccetta li kien hemm xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti, s-somma likwidata bhala danni mill-Ewwel Qorti hija eccessiva.

3. Wara li l-appellant spjega dettaljatament l-aggravji tieghu, huwa talab li din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza moghtija fl-14 ta' Novembru 2005 u minflok, wara li tichad it-talbiet ta' l-attur, tilqa' t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba tieghu, bl-ispejjez kontra l-appellat jew alternattivament, jekk issib li x-xoghol esegwit ma sarx skond is-sengha u l-arti, tillikwida bhala danni ammont inferjuri ghal ammont likwidat mill-ewwel Qorti.

4. L-attur appellat ikkontesta l-appell b'risposta pprezentata minnu fl-24 ta' Jannar 2006 u ghar-ragunijiet imfissra hemmhekk, sostna illi d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti hija ekwa u gusta u timmerita li tigi konfermata minn din il-Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

## III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Il-fatti essenzjali li taw lok ghall-kawza huma migjuba fis-sentenza appellata u ghalhekk ma hemmx il-htiega li din il-Qorti tirrepetihom hawn. Tillimita ruhha li tghid li l-attur inkariga lill-konvenut, issa appellant, biex jaghmel xoghol ta' tikhil, kisi u zebgha fil-proprjeta` ta' l-istess attur indikata fic-citazzjoni. Il-prezz ta' dan ix-xoghol kien Lm9209.38, li minnhom l-attur hallas akkont Lm6000. L-attur ma qanqal l-ebda kwistjoni dwar ir-rati tal-prezzijiet, jew dwar il-kejl u l-konteggi, jew dwar il-materjal uzat mill-appellant fl-esekuzzjoni ta' l-appalt. L-attur irrifjuta li jhallas il-bilanc ghaliex wara li tlesta x-xoghol, zviluppaw difetti billi z-zebgha bdiet titbewwaq u titqaxxar f'diversi postijiet. L-ewwel Qorti addottat ir-rapport tal-Perit Tekniku u sabet li l-appellant kien esegwixxa l-appalt parzjalment kontra r-regoli ta' l-arti u s-sengha.

6. L-appellant jikkritika s-sentenza appellata in kwantu l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti u ukoll tal-ligi u dan meta ddikjarat li x-xoghol li ghamel il-konvenut ghall-attur ma sarx skond l-arti u s-sengha u meta llikwidat is-somma ta' Lm3,471.22 bhala danni konsegwenzjali. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti ma apprezzatx is-sottomissjonijiet tieghu li a bazi taghhom, l-appellant isostni, li l-ewwel Qorti, kellha tiddeciedi jew li tiddikjara illi x-xoghol esegwit mill-appellant sar skond is-sengha u l-arti jew, in pessima ipotesi, tillikwida somma ferm izghar minn dik likwidata. L-appellant jghid illi l-ewwel Qorti ibbazat is-sentenza taghha biss fuq il-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku.

7. L-appellant jishaq illi s-socjeta` attrici ma rnexxilhiex tipprova li x-xoghol li hu kien ghamel fuq il-hitan tal-proprjeta' ta' l-attur kien hazin. Isostni wkoll illi biex l-attur nomine seta' jaghmel dan, hu kellu jipprova jew l-entita' ta' l-ispejjes li kienu rikjesti biex il-hsara tigi rimedjata jew li l-Perit tekniku nominat mill-Qorti jara b'ghajnejh din il-hsara u jaghmel stima taghha. L-appellant isostni li l-ebda wahda minn dawn il-provi ma giet prodotta. Irrizulta li l-attur nomine qabbad lil haddiehor biex jirrimedja x-xoghol

u ma saret ebda prova sodisfacenti ta’ l-entita` tal-hsara u tal-valur taghha.

8. L-appellant issottometta testwalment hekk:
“Tant il-perit tekniku gie f’diffikulta` meta wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu illi fl-ewwel rapport tieghu ikkonkluda illi *arbitrio buoni viri* kien ser jirrakkomanda li mill-kont tal-konvenut jitnaqqas Lm790.57 ta’ l-allegat xoghol hazin. Il-perit stess ikkummenta illi ma kellux provi fuq x’hiex jahdem u illi dan it-tnaqqis kien qieghed isir ghall-pratticita`. Sa hawnhekk l-appellant ma lmentax. Gara pero` illi s-socjeta` attrici sabet zball fil-mod kif il-perit tekniku spjega li wasal ghal din il-figura. Fil-fatt bil-matematika li spjega li uza l-perit dan wassal ghal ammont ta’ Lm3,471.22. Fit-tieni rapport tal-perit tekniku ghalhekk il-figura nbidlet ghal dan it-tieni ammont. Pero` filwaqt illi *arbitrio buoni viri* u ghall-pratticita`, fl-assenza ta’ provi, il-perit tekniku seta’ jaqbad u jnaqqas Lm790.57 ma taghmilx sens illi ghall-istess ragunijiet issa t-tnaqqis jizdied ghall-figura ta’ Lm3,471.22 li tammonta ghal kwazi 25% tal-valur ta’ l-appalt u dan kollu minghajr il-provi sufficjenti tax-xoghol hazin jew l-entita` tieghu.

“Illi mbaghad hemm tlitt konsiderazzjonijiet ohra. Fl-ewwel lok rapprezentant tas-Sigma prodott mis-socjeta` attrici xehed rigwardanti ritratti esebiti mis-socjeta` attrici biex turi x-xoghol hazin. Dan xehed illi z-zebgha f’dawk ir-ritratti tidher li giet imqaxxra minn xi hadd. Fit-tieni lok irid jigi enfasizzat ukoll illi s-socjeta` attrici qajmet din il-pendenza dwar allegazzjonijiet ta’ xoghol hazin wara li kienet diga` hallset aktar min-nofs il-valur ta’ l-appalt. Fit-tielet lok irrizulta mill-provi illi wara li tlesta x-xoghol tant is-socjeta` attrici kienet kuntenta bix-xoghol li kienu ltaqghu l-periti kemm tal-konvenut u kif ukoll tas-socjeta` attrici biex ikejjlu x-xoghol flimkien bl-intendiment illi jinhareg il-kont u jkun jista’ jithallas. Dan mhux kompatibbli ma’ agir ta’ persuna illi tkun qed tilmenta minn xoghol hazin.”

9. Din il-Qorti ma taqbilx ma dawn is-sottomissjonijiet. Ghalkemm huwa veru li l-attur *nomine* ma ressaq ebda ricevuta ta’ l-ispejjez li nefaq biex sewwa l-hsara fix-xoghol esegwit mill-appellant, u huwa veru wkoll li x-

xiehda tal-persuna li rrimedjat l-istess hsara, cioe` Natalino Azzopardi, hija pjuttost vaga u incerta, pero`, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li dan ix-xhud tressaq biex jixhed aktar minn ghaxar (10) snin wara li kien lesta dan ix-xoghol. Infatti, huwa xehed fis-seduti peritali tas-26 ta' Lulju 2000 (ara fol. 144) u fit-28 ta' Frar 2001 (ara fol. 152) meta ix-xoghol rimedjali kien effettivament esegwit minnu fis-sena 1990. Dak li kien nieqes mill-provi ta' l-attur nomine, gie suplit mill-prova li saret tramite il-perizja teknika li giet ordnata mill-Qorti skond l-Artikolu 644 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Minn din il-perizja irrizulta illi x-xoghol ma sarx kollu skond is-sengha u l-arti.

10. Irrizulta li ftit tal-gimghat wara li sar ix-xoghol mill-appellant iz-zebgha, f'partijiet tal-hitan, bdiet tintefah u titqaxxar. L-attur xehed illi meta ra dan hu mar ikellem ukoll lill-manager tad-ditta li mmanufatturat iz-zebgha wzata fuq il-lant tax-xoghol, certu David Ghirsci. In fatti dan Ghirsci xehed illi kien mar fuq il-post fejn hu kkonferma li f'partijiet tal-bini z-zebgha kienet qed tintefah u titqaxxar. Hu qal illi xi rqajja f'diversi postijiet kienu minfuhin:
"qsamt fejn kien hemm in-nefha u rajt x'kien hemm taht iz-zebgha. Sibt li fejn kien hemm iz-zebgha minfuha kien hemm it-trab. Dan ifisser illi z-zebgha ma kienitx imqabbda mal-hajt izda mat-trab".

Ghirsci xehed illi ra rqajja fil-ground floor, l-opramorta, t-tromba tat-tarag
u tal-lift.

Natalino Azzopardi, li gie mqabbad mill-appellant biex jaghmel ix-xoghol
rimedjali, xehed:
"Iz-zebgha tal-faccata kienet imqaxxra u x-xoghol tieghi kien li dortha fejn kien jehtieg u minghalija ergajna ghaddejniha kollha".

11. Il-Perit tekniku fir-rapport tieghu irrelata hekk, ezattament fil-Para.12 tar-relazzjoni tieghu:

“Hija l-opinjoni ta’ l-esponent illi l-attur ipprova konvincentement li parti mix-xoghol ezegwit mill-konvenut ma kienx skond is-sengha u l-arti; u dan limitatament ghax-xoghol fuq il-gebla, u cioe` fejn giet applikata z-zebgha wara li sar it-tikhil tal-fili; konsegwenza dan ix-xoghol hazin ghall-fatt li l-konvenut ma hax hsieb inehhi minn ma’ l-ucuh tal-hitan l-ghabra li tirrizulta meta jigu xkatlati il-fili mkahhlin bir-rizultat li z-zebgha ma taqbadx sew ma’ l-ucuh tal-hitan proprju ghax ikun hemm din l-ghabra bejn iz-zebgha u l-hajt…fejn gara hekk, iz-zebgha tintefah u titqaxxar u trid tinbarax u tigi applikata zebgha mill-gdid wara li jigi accertat li ma ghadx fadal ghabra mal-hitan”.

12. Jidher ukoll, u dan ikkonfermah il-konvenut fix-xhieda tieghu, illi l-attur kien hallsu Lm6000 u cioe` zewg terzi tal-prezz miftiehem. Dan il-fatt, pero`, ma jistax jintuza kontra l-attur biex jikkonferma li x-xoghol sar skond l-arti u s-sengha. Huwa fatt maghruf illi d-difetti fix-xoghol x’aktarx ma johorgux mill-ewwel izda johorgu biz-zmien. Isegwi li wiehed ma jistax juza l-fatt li l-hlas ikun sar tempestivament kontra dak li jkun, jekk fiz-zmien li sar l-istess hlas *prima facie* ix-xoghol ikun <u>jidher</u> li gie ezegwit skond is-sengha u l-arti. Il-hlas ta’ l-akkont ma jfissirx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk l-istess xoghol, wara jirrizulta difettuz.

13. Inoltre, il-konvenut stess jidher li accetta li xogholu seta’ ma sarx interament skond l-arti u s-sengha ghaliex ma jidhirx kontestat li huwa stess offra tnaqqis ta’ Lm700 mill-prezz patwit (ara fol. 113 tal-process). Jidher ukoll illi meta l-Perit Tekniku stabilixxa l-valur tax-xoghol rimedjali maghmul mill-attur nomine <u>fl-ewwel relazzjoni tieghu</u> fis-somma ta’ Lm790.57 (ara fol. 244) jidher li l-appellant iddecieda li ma jaccettax din il-konkluzjoni peritali. L-appellant infatti talab (ara fol.245), bhal ma kien ghamel qabel l-attur nomine (ara fol. 219) li jeskuti l-Perit Tekniku. Il-Qorti pprefiggiet terminu ta’ ghaxart ijiem lill-appellant biex iressaq b’nota l-mistoqsijiet tieghu. L-appellant naqas li josserva dan it-terminu. Ghall-kuntrarju, l-appellat ressaq id-domandi tieghu tempestivament u l-Perit Tekniku wegibhom b’relazzjoni addizzjonali (ara fol.

256 et aeq). Minn din ir-relazzjoni addizzjoni rrizulta li fl-ewwel relazzjoni tieghu, l-istess perit kien zbaljatament uza fil-kontegji tieghu l-"unit" hazin. Dana ghaliex minflok ma uza il-kejl tal-metru kwadru uza il-kejl tal-qasba kwadra. B'hekk, id-danni lahqu s-somma ta' Lm3471.22 u gie li l-attur kellu dritt ta' refuzjoni ta' Lm261.84 minghand il-konvenut

14. Huwa fatt sinifikattiv li l-eskussjoni tal-Perit Tekniku saret mill-appellant biss wara li l-Perit Tekniku ipprezenta din ir-relazzjoni addizzjonali tieghu. Dawn id-domandi ta' l-appellant jinsabu a fol. 260 u 261 tal-process. Ir-risposti ghalihom tal-Perit Tekniku jinsabu a fol. 267 sa 269 tal-process. *Inter alia*, il-Perit Tekniku wiegeb hekk ghad-domanda li l-konvenut jekk jidhirlux li s-somma tad-danni likwidata kienetx wahda esagerata:
"sakemm l-esponent erroneament kien ikkonkluda illi kien l-attur li kellu jhallas s-somma ta' Lm2418.81 lill-konvenut, l-istess konvenut jidher li kien kuntent bil-konkluzjoni ta' l-esponent. U kien wara li l-esponent ipprezenta relazzjoni in linea korrettiva li biha rriveda l-konkluzjoni tieghu ghal wahda li biha rrizulta li kien il-konvenut li kellu jirrifondi Lm261.84 lil attur li l-istess konvenut hassu aggravat".

Ghandu jigi osservat li wahda mid-domandi tal-konvenut lill-Perit Tekniku, kienet jekk huwa kienx jikkonferma illi huwa pprova jasal ghall-istima tad-danni aktar b'ezercizzju "abitrio boni viri" milli fuq bazi tal-provi ta' l-attur (ara fol. 260). Il-perit Tekniku kkonferma li huwa mexa b'dak il-mod, izda rrimarka hekk (a fol. 267):
"Pero` izid ighid illi l-konkluzjoni ta' l-esponent 'arbitrio buoni viri' certament kienet vantagguza ghall-konvenut, tant illi ma ttiehdux in konsiderazzjoni x-xoghlijiet u materjal mehtiega bhala preparatorji qabel ma nghataw iz-zewg passati zebgha, u cioe` tqaxxir taz-zebgha originali, tikhil tal-fili u uzu ta' sealer. Dana kif jirrizulta a para. 17 tar-relazzjoni originali."
(enfasi ta' din il-Qorti)

Il-Perit Tekniku jirrimarka wkoll, u ma dan taqbel din il-Qorti, illi f'dan il-kuntest ma kien inbidel xejn min kif svolga

r-relazzjoni tieghu. L-izball kien biss fir-rati u mhux fis-sostanza tal-kaz.

15. Huwa fatt sinifikattiv ukoll li meta l-konvenut sab ruhu rinfaccjat bl-imsemmija risposta tal-Perit Tekniku, huwa talab (b'nota a fol. 270) in-nomina ta' Periti addizzjonali, ghal liema talba, pero`, huwa irrinunzja, kif jirrizulta minn fol. 272 tal-process. B'hekk jirrizulta li l-appellant ma utilizzax il-mezzi l-aktar idonei u opportuni li taghtih il-ligi procedurali biex jikkontesta debitament il-konkluzjonijiet teknici tal-Perit tekniku. Konsegwentement din il-Qorti ma tistax tilqa' l-aggravji ta' l-appellant illi l-attur ma rnexxilux jipprova li x-xoghol kien difettuz.

16. L-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti bbazat is-sentenza taghha biss fuq il-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku. Huwa minnu li l-Ewwel Qorti strahet primarjament fuq ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku li ha in konsiderazzjoni x-xhieda kollha prodotta waqt din il-kawza. Madanakollu, din il-Qorti tikkondividi dak illi ssottometta l-appellat fir-risposta ta' l-appell tieghu meta ghamel referenza ghad-decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza R Fenech et v. F Grech deciza fit-3 ta' Dicembru 1999. Fil-kaz odjern l-ewwel Qorti strahet fuq ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku li ta affidament lill-verzjoni ta' l-attur appellat. Dan il-perit gie eskuss kemm mill-istess attur u hemm ukoll mill-konvenut, u r-risposti li nghataw ikkonvincew lill-ewwel Qorti li tadotta l-konkluzjonijiet ta' l-istess perit tekniku. Ma jirrikorrux fl-aggravji mressqa mill-appellant l-estremi necessarji li jirrikjedu l-intervent ta' din il-Qorti biex tnehhi xi ingustizzja manifesta fl-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. Ghall-kuntrarju, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet valutazzjoni korretta tal-provi akkwiziti fil-process u ghalhekk l-appell ma jistax jintlaqa'.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu kollha a karigu tal-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------